*Kitba ta'*
**Anton Attard**

# Iċ-Ċinkwantenarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni

## Firxa ta' Ċelebrazzjonijiet fil-Gżejjer Tagħna

Bħal dan iż-żmien mitt sena, id-dinja Kattolika kienet qed tfakkar għeluq il-ħamsin sena tad-Domma tal-Konċepiment Immakulat ta' Ommna Marija. Kulhadd għażel il-mod u l-waqt li jagħmel dan. Iżda l-għan kien l-istess – dak li jinxteħet quddiem Marija b'turija ta' ġieħ għal dan il-privileġġ singulari li għoġbu jsawwab fuqha dak li jista' kollox.



*San Piju X*

**Talba lill-Immakulata**

Verġni Santissima li għoġobt lil Alla u sirt Ommu, mingħajr tebgħa fil-ġisem u fir-ruħ, fil-fidi u fl-imħabba; f'dan il-Ġublew solenni ta' meta ġie magħruf lid-dinja kollha bħala Domma, li int imnissla mingħajr dnub, deh ħares bil-ħlewwa lejn l-imsejkna li jitolbu l-patroċinju qawwi tiegħek. Is-serpent ħażin, li kienet mitfugħa fuqu l-ewwel saħta, qiegħed ikompli żżejjed jaħqarlek lil ulied Eva. Deh, inti, oh imbierka Omm tagħna, reġina u avukata tagħna, li mill-ewwel ħin li ġejt imnissla, għaffiġt ras il-għadu, ilqa' t-talb li flimkien, b'qalb waħda, nitolbuk tressaq quddiem it-tron ta' Alla, biex qatt ma nerħu għan-nases kollha; u hekk, ilkoll naslu fil-port tas-salvazzjoni, u fost tant perikoli, il-Knisja u l-Ġabra Nisranija jkantaw darb'oħra il-kant tal-ħelsien, tar-rebħ u tal-paċi. Hekk ikun.

***It-talba ta' Piju X għaċ-Ċinkwantenarju lid-Domma tal-Kunċizzjoni.***

## Ruma Tagħmel l-Ewwel Pass

Sa kmieni minn Mejju ta' l-1903, il-Papa Ljun XIII ħatar Kummissjoni, komposta mill-kardinali Rampulla, Vives, Vanutelli u Ferrata, b'dan ta' l-aħħar il-protagonista fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'Bormla sena wara, biex dawn ifasslu programm ta' attivitajiet u funzjonijiet solenni f'Ruma, bejn Diċembru 1903 u Diċembru ta' sena wara, biex bihom jitfakkar dan l-avveniment importanti.

Iżda dan il-Papa ma kellux jara xewqtu maqtugħa. Tliet xhur wara, ħassu ħażin u fi ftit jiem miet. Fid-9 ta' Awissu ġie inkurunat is-suċċessur tiegħu – Piju X. Dan kompla fuq il-passi tal-predeċessur tiegħu u f'Settembru dan ikkonferma lill-imsemmija kardinali biex ikomplu bil-ħidma assenjata lilhom. Flimkien ma' din il-konferma, il-Papa kiteb u rrikmanda talba lill-Immakulata biex tibda tingħad mill-insara kollha madwar id-dinja.

## Ittri Pastorali mill-Isqfijiet Maltin

Fuq il-passi ta' Ruma, fit-30 ta' Novembru 1903, l-Isqof Pietru Pace ħareġ Pastorali fejn irrakkomanda li, bi preparazzjoni għaċ-Ċinkwantenarju ta' l-Immakulata f'Malta, f'kull 8 tax-xahar jew fl-ewwel Ħadd li jiġi wara, minn Diċembru ta' dik is-sena stess sa Diċembru ta' sena wara, fil-knejjes parrokkjali kollha tibda titqaddes quddiesa f'artal iddedikat lill-Madonna. Fiha kellu jiġi rreċitat ir-Rużarju. Wara li din tintemm, bis-Sagrament espost, tingħad il-Kurunella ta' l-Immakulata jew 12-il Ave Maria, il-Litanija, it-Talba tal-Papa Piju X u jintemm kollox bil-Barka Sagramentali. L-Isqof irrakkomanda ukoll li l-fidili jersqu għat-tqarbin u jinkitbu fil-Labtu l-Ikħal, mogħni b'indulġenzi speċjali mill-Papa.

B'konformità ma' din id-direttiva, il-Kapitlu ta' Bormla ħabbar immedjatament li ddeċieda li jibda jagħmel din il-funzjoni fil-Ħdud li jiġu wara t-8 tax-xahar. L-ewwel waħda kellha ssir il-Ħadd 10 ta' Diċembru stess b'dan il-programm:



*Il-ventartal ta' l-artal iddedikat lil San Mikiel.*

**5.30am** Quddiesa bir-reċita tar-Rużarju u Tqarbina Ġenerali
**9.00am** Quddiesa Kantata Solenni bil-paniġierku wara l-Vanġelu.
Wara nofsinhar tingħad it-talba tal-Papa, titkanta l-Litanija u tinghata l-Barka Sagramentali.

Dan il-programm kompla għal xahar wara ieħor, bil-paneġierki jsiru minn diversi saċerdoti magħrufin għall-oratorija tagħhom, fosthom P. Ludovik Attard OFM, Dun Ġakkin Grech, Arċipriet tal-Birgu, P. Angelo Portelli OP, li wara nħatar Isqof, Dun Franġisk Briffa, Arċipriet ta' l-Isla u oħrajn. Waħda mill-aktar importanti fost dawn il-Ħdud kienet dik ta' l-14 ta' Awissu 1904. Dakinhar il-poplu seta' jammira ż-żewġ ventartali tal-fidda u ż-żewġ trieħi ġodda li saru għall-artali ta' San Mikiel u San Dimitri, li kienu għadhom kif waslu minn barra, kollha fuq disinn ta' Abram Gatt. Dakinhar sar magħruf ukoll li billi l-festa tal-Kunċizzjoni, dik is-sena, kienet se tiġi ċelebrata kullimkien, dik f'Bormla, kien hemm il-ħsieb li tiġi ċelebrata f'Mejju ta' sena wara, biex fiha jkun jista' jieħu parti kulħadd. Naturalment, il-membri tal-Kapitlu Bormliż diġà kellhom f'rashom l-inkurunazzjoni tal-kwadru titular, għalkemm minflok f'Mejju kollox seħħ minn tmiem Ġunju.

Għawdex ma baqax lura. F'Pastorali kemmxejn twila, li ħareġ f'nhar Santa Marija ta' l-1904, l-Isqof Giovanni Maria Camilleri, fost ħwejjeġ oħra kkonċeda li, bejn is-7 ta' Settembru u t-8 ta' Diċembru, dawk li joqogħdu fil-limiti tal-Belt Victoria u jżuru l-katidral għal tliet darbiet kienu jirbħu l-indulġenzi tal-Ġublew. Dawk f'parroċċi oħra jagħmlu dan jekk iżuru l-knisja parrokkjali tagħhom. Żied li l-festa tal-Kunċizzjoni kellha tiġi ċelebrata solennement fil-knejjes kollha ta' Għawdex permezz ta' Novena li tibda b'mota ta' nofs siegħa mill-qniepen kollha tal-gżira.

Hawn Malta, fit-22 ta' Ottubru, meta kien qed joqrob Jum l-Immakulata, l-Isqof Pietru Pace ħareġ Pastorali oħra li tista' tgħid fasslet il-programm li bih id-Djoċesi Maltija kellha tikkommemora ċ-Ċinkwantenarju:

> Mis-27 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru, fil-parroċċi kollha kellhom isiru sebat ijiem ta' eżerċizzi spiritwali.
>
> Fiż-żewġ knejjes katidrali, bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru jsir Tridu bil-Quddiesa *De Immacolata*.

Flimkien ma' dan kollu, l-Isqof ħabbar li għandu jsir pellegrinaġġ bix-xbiha tal-Madonna ta' San Luqa meqjuma fl-Imdina, sal-katidral ta' San Ġwann fil-Belt. Wera x-xewqa li dakinhar issir illuminazzjoni ġenerali – knejjes, ħwienet, każini u djar. Irrikkmanda li dawk li, għal xi raġuni, ma setgħux jieħdu parti fil-pellegrinaġġ, kellhom jaraw li jersqu għat-tqarbin imqaddes.

## Għawdex Jiċċelebra bil-Kbir

Mal-bidu ta' Diċembru 1904, frott dawn l-Ittri Pastorali beda jinqata'. F'Għawdex iċ-ċentru tal-festi kommemorattivi kienet il-knisja ta' San Frangisk tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria.

Bdiet b'Novena li fiha kienet prominenti ħafna l-attendenza ta' l-Istituti Reliġjużi. Il-

Ħamis 8 tax-xahar, saret it-Traslazzjoni minn Mons. M.A. Refalo, Vigarju Ġenerali. Is-Sibt bdiet il-parteċipazzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral, li mar proċessjonalment mill-Knisja katidrali għal dik Frangiskana. Dakinhar, il-Kanonku Hili, segretarju ta' l-Isqof, għamel diskors imqanqal mhux ftit.

Il-Ħadd, jum il-festa, beda fil-5.00am bil-kant ta' Matutin u fl-10.00am ħarġet il-Quddiesa Solenni. Għaliha kien assista mit-tron l-Isqof Camilleri. Il-paniġierku għamlu P. Majjistru Luigi Tonna Barthet, Franġiskan Konventwal.

Wara nofsinhar ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa sabiħa tal-Kunċizzjoni, li hemm f'din il- knisja, xogħol il-Bormliż Salvu Psaila. Kien ħa sehem l-Isqof Camilleri flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral, il-kappillani tal-parroċċi, membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi u l-Fratellanzi tal-Belt Victoria. Kien mument kommoventi għall-aħħar meta waqt il-kant tat-*Te Deum*, ma' dħul il-purċissjoni, bdiet mota mill-qniepen tal-knejjes kollha ta' Għawdex, li nstemgħet mill-biċċa l-kbira ta' l-irħula ta' fuq ta' Malta.



*Il-Kunċizzjoni fil-knisja ta' San Franġisk, Għawdex li nħadmet fl-injam mill-iskultur Bormliż Salvu Psaila fl-1848.*

Il-festa ġiet ċelebrata fuq barra wkoll. Tul dawk il-jiem, f'Għawdex saret mixghela ġenerali u nhar il-festa, iż-żewġ baned tal-kapitali Għawdxija għamlu programmi fi Pjazza San Franġisk, fejn sar ukoll il-logħob tan-nar.

L-għada tal-festa, saret Akkademja Mużiko-Letterarja fis-Seminarju. Fiha saru diversi diskorsi, ġew interpretati għażliet mużikali u nqraw għadd ta' poeżiji, uħud minnhom ta' Gavino Gulia.

## Ċelebrazzjonijiet fil-Belt u fl-Imdina

B'riżultat tad-direttivi li ħarġu permezz ta' l-aħħar Ittra Pastorali ta' l-Isqof Pietru Pace, f'diversi bliet u rħula jum il-Kunċizzjoni ġie ċelebrat ħafna aktar mis-soltu. Prominenti fost dawn hemm il-Katidral ta' l-Imdina u dak ta' San Ġwann fil-Belt. F'dan ta' l-aħħar, iċ-ċelebrazzjonijiet bdew fl-4 ta' Diċembru bi Tridu. F'dawn il-jiem filgħodu, bdiet titqaddes quddiesa solenni *De Conceptione Beata Maria Vergine*.

Wara nofsinhar wara l-Għasar u l-Kompieta, kien isir diskors fuq il-Madonna. Ma' tmiemu titkanta l-Antifona, is-Salve Regina, il-Litanija u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Id-diskorsi tat-Tridu saru mill-Ġiżwita Scio, il-Konventwal Tonna Barthet u l-Karmelitan Atanasio Cuschieri.

L-Imdina kienet prominenti permezz tal-pellegrinaġġ propost mill-Isqof u kif sostnew xi wħud, kien wieħed mill-aqwa li qatt saru. Kien għadu lanqas sebaħ jum is-7 ta' Diċembru meta l-Katidral kien diġà mimli b'poplu li ġie minn kull naħa ta' Malta. Ix-xbiha tal-Madonna ta' San Luqa ġiet esposta għall-qima tal-poplu fuq l-artal maġġur. Fid-9.00am, fost id-daqq tal-qniepen ta' l-inħawi, il-kwadru tqiegħed fuq karru miġbud minn sitt żwiemel u bdew il-mixja lejn il-Belt Valletta monsinjuri, kappillani u membri tal-kleru djoċeżan, membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi u warajhom baħar ta' nies; kulħadd jgħid ir-Rużarju.

Meta l-karru wasal ħdejn l-Istitut ta' Cini, il-Ħamrun, telgħu żewġt itfal bniet, liebsin mant abjad, b'faxxa ċelesti ma' qaddhom u ġilju f'idejhom u qagħdu fuq kull naħa tal-kwadru. Fil-Furjana, imbagħad, ingħaqad fil-pellegrinaġġ l-Isqof Pace u minn hawn bdiet mota mill-qniepen kollha tal-Belt u l-Furjana li kompliet qanqlet entużjażmu li jingħad li ftit kien għadu deher bħalu f'okkażjonijiet oħra. Mal-wasla fil-Katidral ta' San Ġwann, il-kwadru tqiegħed fuq l-artal maġġur, imdawwar bil-bukketti tal-fjuri u x-xemgħa; kollox lest għall-Għasar Solenni.

L-għada, jum il-festa, ġie ċelebrat b'Quddiesa Pontifikali u wara nofsinhar saret is-solita purċissjoni votiva lejn il-knisja ta' Sarria, il-Furjana u lura; din id-darba bix-xbiha tal-Madonna ta' San Luqa. Tmexxiet mill-Isqof Pace u miegħu ħadu sehem il-kappillani u l-kleru tal-parroċċi kollha u magħhom Fratellanzi Marjani minn kull parroċċa.

Avveniment importanti ieħor li seħħ fil-Belt dawk il-jiem kien l-erezzjoni ta' statwa ta' l-Immakulata fuq il-bibien tal-Knisja ta' Santa Barbara, fit-triq prinċipali tal-kapitali. Dan kien sar fuq inizjattiva tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni li hemm fil-knisja ta' San Franġisk. Jista' jingħad li dan hu monument nazzjonali ghax kien twaqqaf b'kontribuzzjonijiet minn Malta kollha.

## L-Isla u r-Rabat Jiddistingwu Ruħhom

Għalkemm iċ-Ċinkwantenarju ġie ffesteġġjat fil-parroċċi u knejjes ta' dawn il-gżejjer kollha, kien hemm uħud li ddistingwew ruħhom bl-importanza li taw liċ-ċelebrazzjonijiet li saru għandhom. Dan jidher mill-avviżi u r-rapporti li ntbagħtu lill-ġurnali mill-organizzaturi. Fost dawn kien hemm fuq quddiem il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tal-Konventwali tal-Belt u dik magħrufa bħala *Ta' l-Onorati*, fl-Oratorju tagħha anness mal-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt ukoll. Ngħataw pubbliċità wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet b'mod tradizzjonali Malti li saru fl-Isla u fir-Rabat ta' l-Imdina.

Fl-Isla ċ-ċelebrazzjonijiet fetħu fis-7 ta' Diċembru bl-ewwel jum tat-Tridu. Fl-istess jum filgħaxija, inżammet Akkademja Mużiko-Letterarja, taħt il-patroċinju ta' l-Isqof Senglean Salvatore Gaffiero. Fiha nqraw poeżiji, għażliet mużikali u sar diskors elaborat minn Dun Franġisk Zarb. Naturalment kollha b'temi Marjani.

Nhar il-festa ġie ċelebrat b'Quddiesa Solenni, bil-paniġierku jagħmlu l-Arċipriet tal-Birgu, Dun Ġakkin Grech. Wara nofsinhar ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa artistika tal-Kunċizzjoni li hemm f'din il-Bażilika, xogħol Marjanu Gerada. Minbarra l-Kapitlu u l-Kleru Senglean, kienu akkompanjaw għadd ta' membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi u ħafna Fratellanzi, l-aktar Marjani.

Il-festa ġiet ċelebrata fuq barra wkoll. Triq il-Vitorja żżejnet għall-okkażjoni u saret mixgħela f'diversi toroq, każini, ħwienet u djar. Fl-istess triq imsemmija, waqt u wara dħul il-purċizzjoni, il-Banda Queen's Own, għamlet programm mużikali.

Il-Franġiskani Osservanti tar-Rabat lanqas baqgħu lura, għalkemm dawn iċċelebraw ftit aktar tard minn ħaddieħor. Il-festi hawn saru meta qalbet sena ġdida – bejn is-6 u t-8 ta' Jannar 1905. Il-paniġierku waqt il-Quddiesa Solenni kien għamlu Mons. Carmelo Azzopardi li, skond id-drawwa ta' dak iż-żmien, sar bit-Taljan. Iżda wara nofsinhar, kif intemm l-Għasar, sar ieħor bil-Malti mill-Franġiskan P. Egidio Portelli.

Fil-festi ta' barra, minbarra t-tiżjin fit-toroq ta' madwar il-knisja, saru programmi mużikali mill-Baned L'Isle Adam ta' l-istess subborg u n-Nicolò Isouard tal-Mosta. Ta' l-ewwel taħt id-direzzjoni tas-Surmast Gaetano Grech u l-oħra taħt Miruzzi. Dakinhar, dan kien esegwixxa l-kompożizzjoni tiegħu *Inno alla Vergine Immacolata*, li ntlaqa' tajjeb ħafna.

Nistħajjel li wieħed jistaqsi: "U f'Bormla...?" Dik is-sena, skond deċiżjoni tal-Kapitlu Kospikwan, li għamel limitu fuq l-ispejjeż li kellhom isiru għall-festa ta' dik is-sena,* jekk sar, għax fil-ġurnali ma rnexxieli niltaqa' ma' ebda rapport, ma jidher li sar xejn aktar min-normal. Fil-belt ta' l-Immakulata l-kbir kien għadu ġej. Wasal ftit xhur wara, fi tmiem Ġunju u l-bidu ta' Lulju 1905. Iżda jekk Alla jrid, dan inħalluh għal sena oħra.

**Bibliografija**

*Malta e Sue Dipendenze* u *Malta Tagħna*, Diċembru 1903 - Jannar 1905.

* Ħajr lill-Kan. Dun Ġużepp Bonello ghal din l-informazzjoni.

Swan lake
Restaurant

TRIQ IL-GARDIEL, MARSASCALA

Tel & Fax 2163 2776

Director: JOSEPH GELLEL

Mobile: 9944 6560

Residence: 2163 7995